31981D0713

10.9.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 257/28

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-28 ta' Lulju 1981
dwar il-lista ta' l-istabbilimenti fir-Repubblika Federattiva tal-Brażil approvati għall-għanta' importazzjoni ta' ċanga friska u vitella u laħam ta' solipedi domestiċi fil-Komunità

(81/713/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIETEWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, tat-tnax ta' Diċembru dwar il-problemi ta' ispezzjoni sanitarja u veterinarja ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini u porċini u ta' laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(1) u 18 (1) (a) u (b) tagħha.

Peress li l-istabbilimenti f'pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu awtorizzati li jesportaw laħam frisk lejn il-Komunita jekk ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ġenerali u speċjali stabbiliti bid-Direttiva 71/462/KEE;

Peress illi ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil bagħtet lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati li jesportaw lejn il-Komunita skond l-Artikolu 4(3) ta-Direttiva numru 72/462/KEE. Deċiżjoni fid-dawl tal-miżuri meħuda għal dan l-iskop u l-miljoramenti li saru;

Peress li numru kbir ta' ispezzjonijiet Komunitarji fuq il-post urew illi ħafna minn dawn l-istabbilimenti jagħtu garanziji ta' iġjene suffiċjenti u li jistgħu għalhekk jiġu reġistrati fl-ewwel lista, stabbilità skond l-Artiklu 4(1) tad-Direttiva msemmija, ta' stabbilimenti li minnhom l-importazzjoni ta' laħam frisk tista' tiġi awtorizzata;

Peress illi fil-każ ta' stabbilimenti oħra proposti mill- Brażil irid isir ri-eżami fuq il-bażi ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-livelli ta' iġjene, u l-kapaċità tagħhom li jadattaw ruħhom malajr mal-leġislazzjoni Komunitarja;

Peress li sadanittant u biex tiġi evitata interruzzjoni zopptu tal-kurrent ta' skambji kummerċjali, dawn l-istabbilimenti jistgħu jkunu awtorizzati temporanjament sabiex ikomplu l-esportazzjonijiet tagħhom ta' laħam frisk lill-dawk l-Istati Membri li huma lesti jaċċettawhom;

Peress li se jkun hemm bżonn li tiġi eżaminata mill- ġdid, u jekk meħtieġ, tkun emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-miżuri meħuda għal dan l-iskop u l-miljoramenti li saru;

Peress illi ta' min ifakkar illi l-importazzjoni ta'laħam frisk hija suġġetta għal leġislazzjoniKomunitarja veterinarja oħra, b'mod partikolarment għall-protezzjoni sanitarja, inklużi d-dispożizzjonijiet speċjali għad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit;

Peress illi l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fuq il-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni jibqgħu suġġetti għad- dispożizzjonijiet stabbiliti band oħra u għad- dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; peress li, b'mod partikolari, l-importazzjoni minn pajjiżi teri u ri esportazzjoni lejn Stati Membri ta' ċerti kategoriji ta' laħam, bħal ma huma laħam li jiżen anqas minn tliet kilogrammi jew laħam li fih residwi ta' ċerti sustanzi li għandhom mhumiex koperti minn Regoli Komunitarji armonizzati, jibqgħu suġġetti għall-leġislazzjoni sanitarja ta' l-Istat Membru li jimporta;

Peress li l-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterineriju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-istabbilimenti fir-Repubblika Federattiva tal-Brażil elenkati fl-Anness huma b'din approvati għal-iskop ta' importazzjoni ta' ċanga u vitella u laħam ta' solipedi domestiċi fil-Komunità.

2. L-Importazzjoni minn dawk l-istabbilimenti tibqa soġġetta għall-dispożizzjonijiet veterinarji Komunitarji stabbiliti band' oħra, b'mod partikolari dawk dwar il-ħtiġijiet ta' protezzjoni sanitarja.

Artikolu 2

1. L-Stati Membri għandhom jiprojbixxu importazzjoni ta' kategoriji ta' laħam frisk imsemmija fl- l-Artikolu 1(1) li ġejjin minn stabbilimenti oħra barra dawk elenkati fl-Anness.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

2. Madankollu, din il-projbizzjoni m'għandiex tapplika sa l-1 ta' Mejju 1982 għal stabbilimenti li mhumiex elenkati fl-anness iżda li kienu approvati uffiċjalment u proposti mill-awtoritajiet Brażiljani sa l-1 ta' Lulju 1981 skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, jekk deċiżjoni kuntrarja ma tittieħidx, skond l-Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, qabel l-1 ta' Mejju 1982.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 t'Ottubru 1981.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rieżaminatau jekk hemm bżonn, emendata qabel l-1 ta' Marzu 1982.

Artikolu 5

L-Istati Membri huma id-destinatarji ta' din id- Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, nhar it-28 ta' Lulju 1981

Għall-Kummissjoni

Il-President

Gaston THORN

L-ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI

I. LAĦAM TAL-BOVINI

A. **Biċċeriji u ħwienet fejn jitqatta l-laħam**

Nru ta' l- Istabbiliment	Indirizz
0 005	Cooperativa Rural Serrana Ltda, Tupancireta, Rio Grande do Sul
0 226	Frigorifico Bordon SA, Bag6, Rio Grande do Sul
0 385	Frigorifico Mouran SA, Andradina, Sao Paulo
0 458	Frigorifico Uniao SA, Presidente Epitacio, Sao Paulo
0 834	Frigorifico Kaiowa SA, Presidente Venceslau, Sao Paulo
0 906	Frigorifico T. Maia SA, Governador Valadares, Minas Gerais
1 602	Bon Beef Industria e Com6rcio de Carnes SA, Vinhedo, Sao Paulo
1 651	Frigorifico Extremo Sul SA, Pelotas, Rio Grande do Sul
1 926	Frigorifico Anselmi SA, Indiustria de Carnes, Derivados e Conservas, Pelotas, Rio Grande do Sul

B. **Biċċeriji**

Nru ta' l-Istabbiliment	Indirizz
0 076	SA Frigorifico Anglo-Barretos, Sao Paulo

Ċ **Ħwienet fejn jitqatta l-laħam**

Nru ta' l-Istabbiliment	Indirizz
0 001	Cia de Alimentos do Brasil SA (COMABRA), Osasco, Sao Paulo

II. LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL

Biċċeriji u ħwienet fejn jitqatta l-laħam

Nru ta' l-Istabbiliment	Indirizz
0 003	Frigorifico Yukijirushi do Parani SA, Curitiba, Parani
0 924	Matadouro e Frigorifico Industrial SA (MAFISA), Belo Jardim, Pernambuco

III. MĦAŻEN TAL-FRIŻA

Nru ta' l-Istabbiliment	Indirizz
0 072	Cefri Centrais de Estocagem Frigorificada Ltda, Mairinque, Sao Paulo
0 078	Interfrio SA Comercial e Industrial, Pelotas, Rio Grande do Sul
0 535	Matadouro e Frigorifico Industrial SA (MAFISA), Recife, Pernambuco
0 933	Companhia Brasileira de Armazenamento (CIBRAZEM), Rio de Janeiro
0 966	C. Sola, Com6rcio e Exportagao SA, Tr6s Rios, Rio de Janeiro
1 075	Frigorifico de Cotia SA, Santos, Sao Paulo
1 127	Companhia Brasileira de Armazenamento (CIBRAZEM), Curitiba, Parana
1 599	Martini Meat SA, Com6rcio, Importagao e Exportagao de Carnes, Paranagua, Parana
1 945	Departamento Estadual de Portos Rigs e Canais, Rio Grande, Rio Grande do Sul
1 958	Avante SA Produtos Alimenticios, Santos, Sao Paulo
2 176	Frimorite Frigorifico Ltda, Sao Goncalo, Rio de Janeiro